MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2005

Numru. 526/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
OMISSIS A
OMISSIS B
OMISSIS C

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati OMISSIS A, u akkuzat talli nhar is-27 ta’ Gunju 2002, ghal habta tal-hdax u nofs ta’ filghaxija (11.30pm), gewwa l-Bajja ta’ Dragunara, San Giljan, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ OMISSIS E, u dan ai termini tal-Artikli 198, 201 u 206 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi u ikkorrompa lill-istess OMISSIS E li hija persuna taht l-eta’, u dan ai termini tal-Artiklu 203(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzati wkoll wahedhom OMISSIS B, u lil OMISSIS C u akkuzati talli nhar is-27 ta' Gunju 2002 ghall-habta tal-hdax u nofs ta' filghaxija (11.30pm), gewwa l-Bajja ta' Dragunara, San Giljan, irrendew ruhhom komplici fid-delitt ta' stupru kontra OMISSIS E, billi b'xi mod xjentement assistew lill-awtur fl-atti tad-delitt li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, u dan ai termini tal-Artikli 42(d) u 43 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi waqt li kienu aktar minn zewg persuni waqt il-konsumazzjoni tad-delitt, u cioe' waqt li kienu jafu bl-att minn qabel ma sehh, u aktar talli kienu prezenti waqt li d-delitt kien qieghed jigi kkunsmat, filwaqt li setghu jimpedixxuh, hallewh isir, u dan ai termini tal-Artiklu 45 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni kienet gentilment talbet lill-Onorabbli Qorti sabiex tipprovdi ghall-protezzjoni tal-imsemmija OMISSIS E, u tapplika l-Artiklu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif hija dehrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti se ssib htija fl-imputati.

Rat il-verbali tal-5 ta' Settembru 2003, fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

L-Ispettur Mario Tonna esebixxa tlett stqarriji tal-imputati, cioe' MT1, 2 u 3. MT1 stqarrija ta' OMISSIS B a fol 13-15, li fiha OMISSIS B stqarr li dakinhar tal-incident, ghall-habta tal-hdax ta' filghaxija kienu Paceville flimkien mal-koakkuzati, u kien hemm certu OMISSIS D u t-tfajla Zvediza tieghu.  OMISSIS B stqarr li OMISSIS D u din it-

tfajla marru lejn il-Bajja tal-bahar, u jghid li OMISSIS A ried imur warajhom, u hu beda jipprova jbiddillu fehmtu izda sussegwentemnt it-tlieta nizlu ghal warajhom. OMISSIS B stqarr illi:

‘inzilna hdejn OMISSIS D u t-tfajla fejn sibnihom taht sigra bla hwejjeg, u bdew jaghmlu atti sesswali. Wara ftit mar OMISSIS A fuqha, nehha lil OMISSIS D u ntefa’ fuqha hu jaghmel atti sesswali. Lanqas dam forsi zewg minuti fuq din it-tfajla ghax tlaqna ‘l hemm ghax OMISSIS D qallu xi haga.’.

Mitlub jghid x’tip ta’ rezistenza ghamlet din it-tfajla, OMISSIS B jghid illi ma jidhirlux li ghamlet xi rezistenza ‘ghaliex jien u OMISSIS C morna wara s-sigar fejn kienu.’ Jammetti wkoll li OMISSIS A kien ta daqqa ta’ ponn lil OMISSIS D, izda jinnega li hu u OMISSIS C zammew lit-tfajla sakemm OMISSIS A ghamel l-att sesswali maghha.

OMISSIS B stqarr li wara li OMISSIS A lesta minn fuq it-tfajla, dar fuqhom u qalilhom ‘qed tara kif mort maghha, dan qieghed nghidu ghax hu qal li zgur imur maghha.’

OMISSIS A, l-istqarrija tieghu dokument MT2, a fol 16-18, xehed illi huwa guvni u dakinhar tal-incident kien Paceville flimkien ma’ OMISSIS C u OMISSIS B, meta kien hemm tfajla li kienet qed tohrog ma’ habib tieghu OMISSIS D u offrielha ‘drink’. Stqarr illi nduna li kienet ‘naqra xurbana’. Sussegwentement, innota li OMISSIS D u din it-tfajla li maghha kien qed johrog bdew mexjin lejn il-bajja tal-blat, li tigi wara l-Hilton, u ddecieda li jsegwiha. OMISSIS C u OMISSIS B nizlu warajh:

**‘rajna lilha kwazi bla hwejjeg minn wara s-sigar, u OMISSIS D beda jipprova jaghmel maghha u jbabasha, jien dhalt fuqhom u kif rani OMISSIS D gholla idu ghal fuqi u jien ilqajtlu. It-tfajla kienet minduda mal-art u jien qbadtilha sidirha, nizzilt il-qalziet u kelli x’naqsam maghha. Dak il-hin, OMISSIS B u OMISSIS C kienu vicin u wiehed minnhom x’aktarx OMISSIS B zammha minn spallitha, sakemm jien lestejt.’**

Jammetti li kif lesta, lil shabu qalilhom il-kliem '**qed tara kif mort maghha.'** OMISSIS A stqarr li t-tfajla kienet qaltlu li kellha sittax-il sena pero' wara sar jaf li kellha erbatax-il sena.

OMISSIS C, fl-istqarrija tieghu MT3 a fol 19, ikkonferma li kien qieghed ma' OMISSIS A u OMISSIS B dakinhar f'Paceville, ikkonferma li kien fil-Bamboo Bar meta kien hemm tfajla 'li kienet naqra xurbana' u qal li nduna li OMISSIS D kien qed johrog maghha, u li OMISSIS D u din it-tfajla bdew jimxu lejn il-bajja tal-blat li tigi wara l-Hilton. OMISSIS C stqarr li huma t-tlieta nizlu warajhom:

**'rajna lilha kwazi bla hwejjeg minn wara s-sigar u OMISSIS D jew beda jaghmel maghha jew ibabasha. OMISSIS A dahal fuqhom, kif rah OMISSIS D imbuttaw lil xulxin, u rikeb fuq din it-tfajla OMISSIS A, u kellu x'jaqsam maghha sesswalment. Dak il-hin li OMISIS A u OMISSIS D imbuttaw lil xulxin, OMISSIS D telaq 'l hemm, jien u OMISSIS B qadna wara s-sigar naraw lil OMISSIS A fuq it-tfajla. Wara li lesta tlaqna 'l hemm u morna d-dar b'taxi tal-Wembley.' (ara fol 20).**

Mitlub jghid jekk kemm-il darba din it-tfajla ghamlitx xi rezistenza, OMISSIS C jghid 'jien ma smajt xejn hlief lil OMISSIS D jghajjat.' Mitlub jghid jekk kemm-il darba kienx veru li OMISSIS A ta daqqa ta' ponn lil OMISSIS D, u li huwa u OMISSIS B zammew lit-tfajla minn idejha sabiex OMISSIS A ikun jista' jaghmel l-atti sesswali maghha, OMISSIS C stqarr illi waqt li kienu qed jimbuttaw lil xulxin, OMISSIS A laqat lil OMISSIS D f'wiccu:

**'nghidlek il-verita' OMISSIS B zammha minn spallitha, u jien mort biex nghinu pero' ma lhaqtx ghax OMISSIS B qabadha qabli, u ghalhekk jien qadt inhares.' (ara fol 20).**

Ikkonferma li wara li lesta, OMISSIS A qalilhom il-kliem **'qed tara kif mort maghha.'** OMISSIS C ddispjacih tal-akkadut.

OMISSIS E xehdet, a fol 32 et seq, ikkonfermat ir-rapport illi hi ghamlet mal-ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fis-27 ta' Gunju 2002, ghar-rigward tal-incident li gara jumejn qabel fil-hdax u nofs ta' bil-lejl fil-Bajja ta' San Gorg, Dragunara Bay, San Giljan.  Il-minuri kkonfermat illi kellha erbatax-il sena u gharfet lit-tlett imputati.  Xehdet bil-gurament li hi ltaqghet maghhom it-tlieta fil-lejl in kwistjoni ghall-habta tal-hdax u nofs ta' bil-lejl, u ltaqghet maghhom f'xatt il-bahar meta hi kienet qeghda mal-'boyfriend' taghha.  Xehdet illi huma t-tlieta gew fuqhom, illi hebbew ghall-'boyfriend' taghha, qalulu li ma setax jibqa' hemmhekk u li kellu jitlaq u li huma kienu ser jahxuha.

OMISSIS E tghid tramite l-'interpretor' taghha s-segwenti:

**'they hurted her and they grabbed her…she was on the ground.  They held her down, one boy was on top of her and the other two besides her holding her shoulders…the boy on top of her put his private part in to her private part.  She was screaming, so after a couple of seconds they took off when she was screaming.'**

OMISSIS E tghid li wara dan iltaqghet ma' persuna hdejn xatt il-bahar li ghenitha.  Tghid illi hija ssubiet diversi tbengil f'rasha u fuq il-warrani taghha.  OMISSIS E tghid li sussegwentement, il-Pulizija gew f'xatt il-bahar, u dan stante li l-'boyfriend' taghha kien mar jitlob l-ghajjut u l-assistenza tal-Pulizija.  OMISSIS E gharfet lill-imputati, pero' b'mod specjali gharfet lil OMISSIS A u lil OMISSIS C, pero' ma setghetx tghid liema wiehed minnhom filfatt kien ippenetraha.

Xehdet illi meta giet mitkellma mill-Pulizija, giet murija wiehed mill-imputati, u cioe' lil OMISSIS A, u li din gharfitu bhala l-persuna li ggieled mal-'boyfriend' taghha pero' ma setghetx tghid mija fil-mija jekk kienx il-persuna li ppenetraha. OMISSIS E ikkonfermat li waqt li hija kienet tat l-istqarrija taghha lill-Pulizija, hija kienet meghjuna mill-istess interpretu.  OMISSIS E innegat illi meta harget mill-kamra tal-Ispettur,  li OMISSIS  D u li huh qalu kliem biex jiftiehem li kienu qed jivvendikaw ruhhom minn OMISSIS

A. Ikkonfermat li hi ma hallietx lit-tobba tal-isptar jezaminawha dakinhar tal-incident, stante li hi xtaqet li tigi ezaminata minn tabiba mara, u minhabba l-fatt illi kienet qed tistenna lill-'boyfriend' taghha jigi l-isptar u kienet qed thossa 'insecure' hafna.

OMISSIS E ikkonfermat li fil-lejl tal-incident, hi kienet liebsa qalziet griz, u 'top' tal-'camouflage' griz, iswed u abjad. Mitluba tghid kif tnezza' dan il-qalziet, OMISSIS E xehdet li hija kienet fuq il-'beach', 'making out' mal-'boyfriend' taghha, u ghaldaqstant, il-qalziet, ta' tip wiesgha, kien mahlul. Ikkonfermat illi z-zaghzugh illi stupraha kien nehhielha hwejjigha. Tghid illi minhabba li l-qalziet kien mahlul, ma kienx difficli biex wiehed inizzlu. Illi filfatt kien hemm tlett zaghzagh f'dan l-incident. OMISSIS E kompliet tixhed illi ma kellhiex tbengil konsegwenza ta' dan l-incident, u li t-tbengil li kellha f'ghonqha kien ghamilhomlha l-'boyfriend' taghha OMISSIS D. Ikkonfermat illi l-uniku 'boyfriend' Malti li kellha kien dan OMISSIS D, u li dan kien l-uniku persuna li mieghu qatt kellha esperjenza sesswali.

Ikkonfermat li waqt li kienet il-Bamboo Bar ma' OMISSIS D, hi kienet xorbet erba' Tequilas. Innegat li l-imputat OMISSIS A kien xtralha 'drink' waqt li kienu l-Bamboo, u kkonfermat illi hi giet Malta sabiex titghallem il-lingwa Ingliza, li hi kienet marret f'xatt il-bahar tlett darbiet mal-'boyfriend' taghha filghaxijiet. Ikkonfermat li dak il-lejl kienu marru l-Bamboo Bar, u li kienet sikret. Ikkonfermat ukoll li ma kinitx l-ewwel darba li sikret, illi pero' qatt qabel ma kient sikret fuq it-Tequila. Innegat li hija kienet raqdet l-isptar qabel ma giet invistata t-tabib ghaliex kienet fis-sakra izda ghaliex 'she was exhausted by the event'. (Ara fol 54).

Ikkonfermat illi l-penetrazzjoni damet ftit biss, pero' l-glieda bejn OMISSIS A u l-'boyfriend' taghha damet naqra iktar, xi bejn hamsa u ghaxar minuti. OMISSIS E qalet li kien hemm xi nies fuq il-beach pero' ma kinux vicin taghha. Ikkonfermat illi waqt li hija kienet qed titbewwes ma' OMISSIS D, OMISSIS D kien qieghed fuqha. OMISSIS E ikkonfermat illi qatt ma sar 'identification

parade' fl-ghassa tal-Pulizija, ikkonfermat illi hija qalet lil OMISSIS D li kellha sittax-il sena meta nfatti kellha biss erbatax. Tghid ukoll li mhux normali ghaliha li tigdeb, infatti tikkunsidra lilha nnifisha bhala 'a bad liar.' OMISSIS E xehdet illi mhux soltu li tbiddel fehmtha fuq affarijiet u qalet illi hija ghalkemm kienet infurmat lill-Pulizija li riedet tiehu passi kontra l-imputati, ma fehmitx illi l-ezami mediku kien relevanti ghall-akkuzi, u hasbet li l-ezami kien biss sabiex jigi ezaminat l-istat ta' sahha taghha nnifisha. Ikkonfermat li hija ma riditx tigi ezaminata mill-espert nominat mill-Qorti, minhabba li ma riditx tigi ezaminata minn ragel.

Fil-konfront ma' Michael Mifsud, missier l-imputat OMISSIS A, a fol 63, jirrizulta illi Michael Mifsud ikkonferma li l-Pulizija kienu accedew id-dar tieghu fil-hamsa ta' filghodu ghax riedu jkellmu lil ibnu OMISSIS A, u waslu l-ghassa u OMISSIS A tela' fl-ufficju tal-Ispettur Mario Tonna, waqt li Michael Mifsud qaghad jistennieh barra l-ufficju. Illi faccata tieghu kien hemm mara u tifel b'beritta, u b'xaghru isfar. Michael Mifsud xehed illi huwa ra lit-tifel hiereg mill-ufficju tal-Ispettur Tonna u mbaghad ra lil OMISSIS E, li kif harget, ghamlet sinjal 'thumbs up sign' (ara xhieda a fol 65).

Il-mara li kienet hemmhekk talbet spjegazzjoni ghal dan is-sinjal, u dan it-tifel b'xaghru isfar bil-beritta qalilha 'ghax jien ridt inpattihielu tal-iskola.' Michael Mifsud xehed illi wara dan id-diskors, il-mara rrabjat hafna maghhom, u kkonferma li l-kliem sar kollu bil-Malti. OMISSIS E fil-konfront ikkonfermat illi waqt li hija kienet l-ghassa tal-Pulizija, omm u hu OMISSIS D kienu l-ghassa. Innegat li hu OMISSIS D ghandu xaghru isfar, imma kkonfermat illi kien liebes beritta.

A fol 84, WPC 174 Joan Bonello kkonfermat il-prezenza taghha fit-tehid tal-istqarrija ta' OMISSIS E, u cioe' kkonfermat dokument MT10.

Il-Perit Richard Aquilina, ikkonferma r-relazzjoni tieghu dokument RA, u ddeskriva l-post fejn sar l-incident bhala s-segwenti:

‘dan il-post jikkonsisti f’bicca art imharbta fejn hemm art ta’ sigar. Din l-art tinstab bejn trejqa fuq in-naha tal-bahar u l-‘fence’ tal-‘car park’ tal-Hilton. Din it-trejqa tibda’ minn fejn ir-‘roundabout’ li hemm in-naha t’isfel ta’ Triq il-Knisja fuq naha, u Triq Dragunara fuq naha l-ohra u tibqa’ ddur qrib ix-xtajta.’ (Ara xhieda a fol 90, u s-‘survey map’ a fol 91).

A fol 94, Dr Mario Scerri kkonferma r-relazzjoni tieghu dokument S, u kkonferma illi OMISSIS E irrifjutat li tigi ezaminata fl-ewwel okkazjoni. Li mbaghad sar ezami fit-30 tax-xahar, u OMISSIS E tat il-kunsens taghha ghall-ezami. Dr Mario Scerri xehed li meta talab lil OMISSIS E tghid x’gara, din ‘allegat li kienet taht is-sigar taht il-Hilton, kienet mal-‘boyfriend’ taghha u f’hin minnhom giet avvicinata minn tlett min-nies, illi giet mizmuma u li xi hadd kellu x’jaqsam maghha kontra r-rieda taghha.’ (ara xhieda a fol 96).

Ikkonferma li t-tlett tbengiliet li kellha ma’ ghonqha kienu ‘love bites’ u li l-‘abrasion’ li kellha fuq in-naha ta’ idha x-xellugija kienet ‘abrasion’ maghmula xi sitt ijiem qabel u ghaldaqstant, mhix relatata mal-incident. Dr Scerri jkompli jixhed:

‘pero’ mbaghad fuq il-‘buttocks’ tar-‘right’ kellha tlett tbengiliet tawwalin, illi kienu vera jaghtu fl-ahmar, qishom saru madwar dik il-gurnata tal-allegat kaz, u dawn huma kompatibbli ma’ ‘grip marks’. Illi fil-parti taghha, irritazzjonijiet u hmura u lacerazzjonijiet jew lezjonijiet ohra ma kienx hemm. Il-‘hymen’ taghha kienet elastika hafna, u kienet kwazi ntatta. Kullma kellha ‘at seven o’clock’ bil-pazjenta wiccha ‘l fuq, kullma kellha ticrita antika, zghira hafna u mhux kompleta.’

Dr Scerri jkompli jghid:

‘gieli jkun hemm tfal dik l-eta’ li jkollhom ‘hymen’ elastika hafna, ikollhom ‘intercourse’ u ma ticcarratx il-‘hymen’.

Mitlub mill-Qorti biex jghid jekk kienx hemm xi haga x’jindika li kienet penetrazzjoni, Dr Scerri xehed:

‘le ma kienx hemm…la hmura, la lezjonijiet, kullma kellha lacerazzjoni zghira u mhux kompleta antika u hheljata, antika mhux ta’ ftit granet jigifieri.’

Dr Scerri jkompli jghid:

‘jien hi qaltli li hatfuha, issa jiena meta qed nara tifla ta’ dik l-istatura, tifla maghmula zghira, jigifieri jekk inti tuza’ certa vjolenza qawwija fuqha, nahseb li kont ser insib aktar lezjonijiet fuqha jien. Fil-parti genitali taghha ma sibt xejn.’ (Ara xhieda a fol 99 u 100).

Dr Scerri xehed illi t-tbengil li sab fuq il-‘buttocks’ huma ‘grip marks’ u mhumiex kompatibbli ma’ ‘surface marks’.

WPC 185 Vanessa Xuereb, a fol 128, ikkonfermat it-telefonata mill-‘control room’ li kien hemm tfajla li qed tigi stuprata hdejn La Maltija Restaurant, u kkonfermat li nizel is-Surgent 1113 fuq il-post flimkien maghha. Ikkonfermat li sabu lit-tfajla u lill-guvni taghha, u haduha permezz tal-ambulanza l-isptar. Ikkonfermat illi hija rrifjutat tigi ezaminata mit-tabib u mill-espert, u riedet tigi ezaminata minn tabiba mara, u ghaldaqstant, regghu haduha l-ghassa, **‘kienet agitata l-hin kollu tibki jigifieri kienet imbezzgha hafna il-hin kollu trid tghajjat lill-‘boyfriend’ taghha biex joqghod hdejha’ (ara xhieda a fol 129)**.

WPC 185 xehdet illi l-hwejjeg tat-tfajla kienu mahmugin bit-trab qisha hamrija. A tempo vergine, it-tfajla qalet lil WPC Xuereb, **‘li kienet qeghda mal-gharus taghha u f’daqqa wahda qabez guvni fuqha, li l-gharus taghha tah daqqa ta’ ponn, f’daqqa wahda gew tnejn ohra u bdew izommuha minn idejha, u l-iehor irrapjaha.’** Dak il-hin ma tatx deskrizzjoni tal-aggressur taghha.

OMISSIS D, a fol 132, xehed illi huwa kien qieghed mal-‘girlfriend’ tieghu Paceville certu OMISSIS E, hadu zewg

'drinks' u ddecidew li jmorru lejn xatt il-bahar xil-hdax u nofs. Ikompli precizament hekk:

**'we went down to the beach and we were sitting down kissing, and I saw OMISSIS A, he came next to us, approached us, and he jumped straight on her and he was touching her breast. She was telling him to get off her, and I was trying to get him off her, he got up in my face, he was threatening me and he pushed me on the floor, and then the best thing I thought was to go and get help and I went to call the Police, then before the Police came, the three boys walked off the beach.'**

OMISSIS D jghid illi huwa ma rax iz-zewg akkuzati l-ohra ma' OMISSIS A izda rahom meta kienu kollha flimkien fil-Bamboo Bar, u jirrikonoxxi biss lil OMISSIS B. A fol 133, OMISSIS D jghid, 'we were sitting out making out, kissing and OMISSIS A came, he went on her and she was telling him 'no no get off' and he was touching her breast…I tried to get him off her, and he got up, said a few things to me and then pushed me on the face on the floor and I fell down. Then I got up I didn't know what to do, I just went to call the Police.'

Mitlub jghid x'ghamel OMISSIS A, jghid, 'he got on her.' Mitlub jispjega r-rejazzjoni tat-tfajla, OMISSIS D jghid li hi baqghet tghidlu 'no no get off me' u li kienet qed tipprova ticcaqlaq mix-xellug ghall-lemin, izda hu kellu jdejh fuq sidirha. Hi kienet mitluqa mal-art u hu kien qieghed fuqha. Ikkonferma li l-qalziet taghha kien milbus pero' kien qieghed ftit mahlul, u li hija kienet 'moving to get him off.' (ara fol 137).

Xehed li OMISSIS A qallu xi haga bil-Malti illi nstemghet bhala theddida, u li fehem il-kelma 'daqqa'. OMISSIS D qal li waqt li kienu qed jigu nvestigati mill-Pulizija, ma kien hemm ebda ncident partikolari u jaf li wiehed mill-akkuzati, cioe' OMISSIS C, kien gie fuqu u qallu illi huwa qalilhom il-verita' (B'referenza ghall-Pulizija).

In kontro ezami, OMISSIS D xehed li huwa kien ilu jaf lil OMISSIS E tlett gimghat, u li huma kienu jikkomunikaw bl-Ingliz. Jikkonferma li hu u OMISSIS A kienu jafu lil xulxin l-iskola pero’ ma kinux hbieb, u li ta’ sikwit kienu jitghajjru u jiggieldu. OMISSIS D xehed li huwa kellu sittax-il sena u li OMISSIS E kellha erbatax, izda li kienet tghidlu li kellha sittax-il sena. Xehed li huma kienu ilhom fuq il-‘beach’ xi erba’ minuti qabel ma gie fuqhom OMISSIS A. OMISSIS D innega li huwa kien f’nofs l-att sesswali meta OMISSIS A gie fuqhom, u jghid li filfatt OMISSIS E kienet minduda u hu kien qieghed bilqeghda, meta gie OMISSIS A u mar ghal fuqha. Ikkonferma li OMISSIS A ma nezzaghhiex meta kien prezenti, u li hija ma kinitx qeghda twerzaq, pero’ kienet qed tghidlu ‘no no get off go’. Xehed illi allavolja kien hemm nies f’dawk l-akwati, dawn kienu aktar ‘l isfel u huwa ma kienx xhud tal-istupru ghaliex hu dak il-hin kien mar ghall-assitenza tal-Pulizija. L-unika haga li ra kien li OMISSIS A ‘had his button of his trousers down his belt’ (Ara fol 145).

Ikkonferma li huwa kien cempel lill-Pulizija minn ‘phone box’ li kien hemm vicin tax-xatt, u li dawn gew wara xi hames minuti. Huwa qal li l-Pulizija kienu qalulu biex jiltaqa’ maghhom f’certu post u li huwa mar u segwa l-istruzzjonijiet taghhom u meta nizel lura mal-Pulizija sab li kien hemm xi nies li sabu lil OMISSIS E u li din kellha d-dmija ma’ idha. Xehed illi mill-mument li halla lill-‘girlfriend’ tieghu sakemm rega’ rritorna lura mal-Pulizija kienu lahqu ghaddew xi ghaxar jiew hmistax-il minuta, u li mbaghad sabha tibki meghjuna min-nies. Illi minn hemmhekk, ittiehdet bl-ambulanza l-isptar. Ikkonferma li meta kienu qed jigu nvestigati mill-Pulizija kienet giet il-mama’ tieghu u huh. Ikkonferma li l-mama’ tieghu kienet irrabjata, izda qal li kienet irrabjata minhabba dak kollu li gara. Innega li hu qal lil huh qallu diskors fis-sens li fl-ahhar pattihielu lil OMISSIS A ghal dak kollu li kien jaghmlilhom meta kien l-iskola.

A fol 155 et seq, sar konfront bejn Michael Mifsud u OMISSIS D fejn dan tal-ahhar nnega kemm-il darba li hu l-anqas huh ma kienu qalu l-kliem ta’ tpattija. Ikkonferma wkoll li huwa kien qieghed bilwieqfa meta OMISSIS A gie

ghal fuqu, u ‘he pushed my face with his hands.’ (ara xhieda a fol 159).

Giet esebita l-istqarrija ta’ OMISSIS D a fol 161 u 163, u kkonferma l-istess stqarrija wara li din giet moqrija lilu.

WPS 131 Nicholette Leotta kkonfermat l-istqarrija ta’ OMISSIS B dokument MT.

PS 1492 Joseph Pace kkonferma l-istqarrija ta’ OMISSIS A, a fol 167, u kif ukoll dik ta’ OMISSIS C.

PS 1113 Emanuel Aquilina, a fol 169, ikkonferma illi rcevew telefonata mill-‘control room’ li kien qed isehh stupru fejn il-bajja tal-Westin Dragunara, li huma accedew fuq il-post u sabu lil OMISSIS D u wrihom il-post fejn kien halla t-tfajla. Infatti sabu lil OMISSSIS E li kienet qed tigi assistita minn certu Joe Azzopardi u kienet tidher imbikkma. Hija kkonfermat li kienet giet attakkata sesswalment minn tlett zaghzagh u minn hemmhekk ittiehdet l-ghassa ta’ San Giljan, u wara giet mehuda l-isptar permezz ta’ ambulanza. OMISSIS D ikkonferma li wiehed minn dawn it-tlett zaghzagh kien OMISSIS A. Kopja tal-okkorrenza giet esebita bhala dokument EA.

Joseph Azzopardi, a fol 183, ikkonferma li dakinhar tal-incident huwa kien San Giljan, nizel fejn il-bahar, meta ra tfajla tibki u tghajjat. Li huwa mar fuqha biex jara xi gralha **u qaltlu li kellha jdejha bid-demm**. Li huwa poggiha bilqeghda fuq il-blat biex jahslilha jdejha fil-bahar, u qaghad maghha waqt li din baqghet tibki u twerzaq u tghajjat lil certu OMISSIS D li dak il-hin ma kienx hemm. Joseph Azzopardi xehed illi din it-tfajla ma qaltlux x’kien gralha filfatt u li huwa haseb li kienet waqghet minn fuq il-blat, minhabba li kienet wegghet idejha. Azzopardi xehed illi dam xi ghoxrin minuta ikellimha sakemm ma gew il-Pulizija u li ghalkemm beda jipprova jghidilha u jistaqsiha xi gralha, hi ma rrisponditux u baqghet tibki. Azzopardi xehed li anke meta kkalmat ma qaltlux xi gralha, tant li huwa haseb illi t-tfajla kienet biss waqghet u wegghet fuq il-blat.

Fil-konfront bejn Joseph Azzopardi u PS 1113, ara fol 193 et seq, Joseph Azzopardi jikkonferma x-xhieda tieghu u jghid li wara li dam jipprova jikkalmaha xi ghoxrin minuta, kienu waslu l-Pulizija ma' certu OMISSIS D. Sadanittant, it-tfajla ma kienet qaltlu xejn fuq dak li kien gralha, tant li huwa kien haseb li hija kienet fis-sakra, li kienet waqghet fuq il-blat u barxet idejha, u li kien biss wara li gew il-Pulizija li sar jaf x'kien gralha t-tfajla. Illi meta OMISSIS D gie mal-Pulizija, OMISSIS D irrakkonta x'kien gara u ma garax u Joseph Azzopardi xehed li kien staqsa lil OMISSIS D kienx f'pozizzjoni jaghraf lil dawn il-guvintur, u baghtu jfittixhom naqra iktar 'l fuq. Azzopardi xehed li huwa ma ra lil hadd iehor fl-akwati.

PS 1113 ma deherx cert jekk kienx Joe Azzopardi li qallu xi guvintur kienu attakkaw lil din it-tfajla. Joseph Azzopardi baqa' jixhed a fol 195, u qal illi din it-tfajla kienet liebsa lbies normali, u qal illi din it-tfajla dehret li kienet fis-sakra u kienet semmiet li hadet zewg kwalitajiet ta' xorb, u cioe' Tequila u Vodka. Illi kkonferma li xamm riha ta' xorb fuq il-persuna taghha u li kienet tidher li kienet fis-sakra mill-mod kif kienet qed ticcaqlaq anke meta kienet bilqeghda.

L-imputati ghazlu li ma jixhdux.

Ikkunsidrat:-

Mhuwiex kontestat minn ebda wiehed mill-imputati fl-istqarriji taghhom illi OMISSIS A filfatt kellu x'jaqsam sesswalment ma' OMISSIS E – cioe' kongungiment sesswali komplet. Dak li hu kontestat hu li dan l-att sesswali sar bi vjolenza u bil-partecipazzjoni preciza tal-imputati OMISSIS B u OMISSIS C. Dan qieghed jinghad ghaliex ghad li l-ahhar tnejn imsemmija jammettu illi kienu prezenti waqt din ix-xena, OMISSIS B jinnega li huwa b'xi mod zamm lil OMISSIS E minn idejha, u OMISSIS C jghid li huwa mar 'biex jghinu (lil OMISSIS B) pero' ma lhaqtx ghaliex OMISSIS B qabadha qabli, u ghalhekk jien qadt inhares.' (Ara fol 20).

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti fu esposti juru illi OMISSIS A mill-ewwel kien iffoka fuq din it-tfajla, mill-ewwel kien innota li kienet naqra xurbana, u ddecieda li kien ser ikollu x'jaqsam maghha. Tant hu hekk li filfatt kien diga' nforma liz-zewg imputati l-ohra, il-ko-imputati li kien ser ikollu x'jaqsam maghha sesswalment dak il-lejl. Dan gie ammess **mit-tlett imputati** fl-istqarriji taghhom **individwalment**.

Illi l-modus operandi ta' OMISSIS A kienet illi jsegwi lill-koppja inkiss inkiss, ihallihom jibdew ikunu ntimi, u jintercettahom f'mument vulnerabbli u kritiku. Dan OMISSIS A ghamlu bi vjolenza fizika u attwali fuq OMISSIS D, waqt li ntefa' fuq it-tfajla neza' l-qalziet u ppenetraha, u dan bl-assistenza ta' OMISSIS B. Mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubju illi l-imputat OMISSIS A kien jaf ben car li dak li kien qed jaghmel kien kontra l-volonta' ta' OMISSIS E. Illi apparti x-xhieda ta' OMISSIS E li tghid li kienet qed tghidlu 'le' bil-kliem diversi drabi u bi twerzieq, hemm ix-xhieda ta' OMISSIS D illi jghid illi OMISSIS E repetutament qalet 'no no get off' u ppruvat tirrezistih billi tipprova taqilghu minn fuqha.

Kif innota Dr Mario Scerri, ta' min jghid illi OMISSIS E kienet tfajla ta' erbatax-il sena, u ta' statura zghira u kienet fis-sakra. Dan l-istat ubrijak tat-tfajla gie nnotat **minn** OMISSIS C (ara stqarrija a fol 20), **minn OMISSIS A** (ara l-istqarrija a fol 17), **u di piu', OMISSIS A jammetti pjenament meta jaccetta li kellu x'jaqsam maghha sesswalment, u li telaq minn hemmhekk biss wara li lesta**.

Kien hemm kunsens ghal dan l-att sesswali, jew dan l-att sesswali nkiseb permezz ta' vjolenza?

L-Artiklu 198 tal-Kodici Kriminali jiddeponi:

*'Whosoever shall, by violence, have carnal knowledge of a person of either sex, shall, on conviction, be liable to imprisonment from three to nine years, with…'*

Il-ligi taghna, in tema ta’ stupru, tirrikjedi li l-kongungiment karnali jkun sar bi vjolenza.  Infatti l-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs James Demanuele, deciza fit-2 t’Ottubru 2000, l-istess Qorti tal-Appell senjat:

*‘Tali vjolenza tista’ tkun fizika jew morali, jew naturalment it-tnejn flimkien. Il-ligi pero’ ma tippontifikax din il-vjolenza, o sia l-grad ta’ vjolenza lit rid tigi wzata biex wiehed jghid li hemm stupru.  Kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz u b’mod partikolari fuq l-eta’ tas-suggett attiv u tas-suggett passiv, l-istat ta’ sahha u l-forza taghhom, it-temprament jew il-karattru taghhom, kif ukoll fuq ic-cirkostanzi partikolari li jkun jinstab fihom is-suggett passiv.  Dak li hu necessarju hu li l-vjolenza tkun wahda* ***effettiva****, jigifieri li fil-kaz konkret ikun hemm bejn il-vjolenza adoperata u l-kongungiment karnali, in-ness tal-kawza u effett, ta’ mezz u fini. Ghalhekk mhuwiex il-kaz illi biex ikun hemm l-istupru, irid ikun hemm da parti tal-vittma xi rezistenza sal-ahhar nifs, jew din l-istess vittma tant tkun rezistiet fizikament li tispicca mbengla minn rasha sa saqajha.’*

Illi, mic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, jirrizulta li OMISSIS E kienet tfajla ta’ erbatax-il sena, maghmula zghira, u li kienet fis-sakra.  Fix-xhieda taghha tghid li hija bdiet tghid il-kliem ‘no no get off’ u li bdiet twerzaq.  Mix-xhieda ta’ OMISSIS D dan jikkonferma illi OMISSIS E qalet ‘no no get off’ ghal diversi drabi, raha tirrezisti billi ticcaqlaq ‘from left to right’ biex tipprova tinqala’ minn taht OMISSIS A, pero’ sa zmien illi dam fuq il-post qabel ma harab ghall-assitenza tal-Pulizija jghid li ma semaghhiex twerzaq.  Di piu’ sehhet glieda bejn OMISSIS D u OMISSIS A u dan l-istat ta’ fatt huwa ammess mit-tlett imputati fl-istqarriji taghhom.

Ikkunsidrat:-

Illi minn tali fatturi biss, din il-Qorti ma tistax tifhem kif OMISSIS A seta’ jpingi dawn il-fatturi kollha bhala kunsens da parti minn OMISSIS E ghall-kongungiment karnali.  Fl-istess manjiera, ma tistax tifhem kif iz-zewg ko-

imputati mieghu setghu jaslu ghal tali konkluzjoni. Tant kienu jafu il-ko imputati l-ohra li dak li sehh kien bi vjolenza u kontra ir-rieda ta' OMISSIS E illi OMISSIS C fl-istqarrija tieghu itenni id-dispjacir tieghu ghal dak li gara.

Illi in oltre, bis-sahha tal-Artiklu 201:

*'Unlawful carnal knowledge and any other indecent assault, shall be presumed to be accompanied by violence – Subsection B: when the person abused was unable to offer resistance, owing to physical or mental infermacy, <u>or for any other cause independent of the acts of the offender…</u>'*

Illi ghalhekk minkejja li din il-Qorti tifhem li l-Prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha u cioe' illi l-kongungiment karnali minn OMISSIS A fuq OMISSIS E inkiseb bi vjolenza, din il-Qorti tara illi f'dan il-kaz, il-vjolenza hija prezunta. Dan ghaliex il-fatt illi OMISSIS E kienet taht l-influenza tax-xorb, u (konsegwentment, aktar fjakka fir-resitenza taghha), u dan l-istat ta' fatt kien xi haga ndependenti mill-azzjoni jew rieda tal-imputati **pero' kien mifhum mill-imputati u wzat biex jaffacilita l-istupru,**

Din il-Qorti ser tindirizza l-kwistjoni ta' komplicita' f'dan il-kaz. L-Artiklu 49 tal-Kap 9 jipprovdi:

*'A person shall be deemed to be an accompliance in a crime if he, in any way whatsoever, knowing the aids or abets the perpetrator or perpetrators of the crime, in the acts by means of which the crime is prepared or completed; or e) incites or strengthens the determination of another to commit the crime or promises to be assistance, aid or reward of the fact.'*

Mix-xhieda fuq prodotta, jirrizulta illi OMISSIS A kien tefa' ghajnejh fuq din it-tfajla OMISSIS E u kien iddecieda li hu ser ikollu kongungiment karnali maghha sa dak il-lejl. Filfatt kien ftahar dan kollu maz-zewg ko-imputati, u din id-decizjoni hadet xejra ta' mhatra. Illi meta ra lil OMISSIS D u din it-tfajla mexjin lejn il-bajja, hu ddecieda li jsegwihom. Illi ghalkemm OMISSIS B fil-bidu pprova jwaqqaf lil

OMISSIS A, milli jsegwi lil OMISSIS D u OMISSIS E, spicca illi hu akkumpanja lil OMISSIS A u OMISSIS C fix-xena moqzieza li segwiet.

Illi mix-xhieda jirrizulta li OMISSIS E gharfet lil OMISSIS A u lil OMISSIS B bhala z-zewg persuni li hadu sehem attiva fil-perpetrazzjoni ta’ dan ir-reat, wiehed billi zammha u l-iehor billi ppenetraha, u kien biss fir-rigward ta’ OMISSIS C li ma gharfitx il-partecipazzjoni tieghu fir-reat. Din il-partecipazzjoni da parti ta’ OMISSIS C **pero’ hija ammessa fl-istqarrija tieghu nnifsu**.

Illi ghal dak li jirrigwardja OMISSIS B, din il-Qorti ma temminx dik il-parti tal-istqarrija tieghu fejn jinnega illi zammha. Filfatt il-Qorti nnutat il-manjiera li bih OMISSIS B jikkwivoka b’mod sofistikat fis-sens illi jghid illi huwa ma zammhiex minn idejha, mentri l-provi kollha juru li OMISSIS E **izzammet minn spallitha**. Illi b’din il-manjiera, huwa ghen b’mod konkret ghall-perpretazzjoni tar-reat.

Illi in oltre, il-prezenza ta’ ragel iehor f’‘xena ta’ stupru huwa tali li ‘it strengthens the determination of another to commit the crime.’

Illi apparti minn dan il-presenza ta’ ragel iehor f’tali xena jimla lil vittma ta’ stupru b’biza tremenda ta’ ripetizzjoni tal-istupru u bil-futilita assoluta li toffri resistenza. Huwa ben risaput li mara ta’ statura zghira mhijiex ser tgheleb sahha ta’ ragel wiehed, ahseb u ara ma hija kapaci teghleb tlett irgiel.

Illi, kif intqal ben tajjeb Repubblika ta’ Malta vs Meinrad Calleja, Appell Kriminali, deciz fit-3 ta’ Mejju 2000:

*‘Kif inhu risaput fil-ligi taghna u fuq l-iskorta tad-duttrina kontinentali u specjalment dik Taljana, il-komplicita’ hija essenzjalment il-partecipazzjoni ta’ aktar minn persuna wahda fil-kommissjoni ta’ reat. Biex ikun hem mil-kompartecipazzjoni fis-sens tal-Artiklu 42 tal-Kodici Kriminali taghna, hu mehtieg li l-partecipanti jkunu agixxew materjalment u b’wiehed mill-mod msemmija fil-*

*paragrafu (a) sa (e) ta' dan l-Artiklu, b'determinazzjoni kriminuza komuni, jigifieri meta l-mohh ta' kull wiehed minnhom jkun dirett ghall-kommossjoni tal-istess reat.*

*Ghalkemm, bhala regola din id-determinazzjoni kriminuza komuni timporta xi forma ta' ftehim minn qabel (prekoncert), dan mhux dejjem necessarjament hekk u jista' jkun hemm il-kompartecipazzjoni f'reat anke minghajr il-prekoncert.'*

Illi l-komplicita' stabbilita allura hi fis-sehh ir-reat kontemplat taht l-Artiklu 45 u cioe':

*'When two or more persons take part in the commission of a crime, any act committed by any of such persons, whether he be a principle or an accompliance, which may aggravate the crime, shall only be imputable that (a) to the person who committed the act; (b) to the person with whose previous knowledge be act as committed; and (c) to the person being aware of the fact at the moment of its commission, and having the power to prevent it and does not do so.'*

Illi ghar-rigward ta' materja ta' korruzzjoni ta' minorenni fil-konfront ta' l-imputat OMISSIS A, din il-Qorti hi tal-fehma li gja la darba gie ppruvat l-istupru fuq OMISSIS E minn OMISSIS A l-ilmenti kardinali tal-korruzzjoni tal-minorenni jissusistu kollha. Dan qieghed jinghad ghaliex OMISSIS E kienet tfajla ta' erbatax il-sena li kienet ghadha kemm kellha l-ewwel esperjenza sesswali ma guvni malti. B'din l-ewwel esperjenza sesswali il-Qorti ma tarax li OMISSIS E ikkwalifikat biex tissejjah minuri tant korrotta illi bl-esperjenza qarsa bhal dik li ghaddiet minn taht l-idejn tat-tlett imputati odjerni hija ma setghetx tigi korrotta aktar.

Ghar-rigward ta' piena, din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi OMISSIS B u OMISSIS C meta sehh dan ir-reat, kienu taht l-eta' u cioe' kellhom sittax-il sena, waqt li OMISSIS A kien ukoll taht l-eta' pero' kellu sbatax-il sena, u ghaldaqstant, ghat-terminu tal-Artiklu 37,

ibbenefikaw mir-reduzzjoni tal-piena minn wiehed sa zewg gradi.

Illi l-Qorti fl-ghoti tal-piena, ikkunsidrat ukoll il-fedina penali nadifa tat-tlett imputati, u l-fatt illi mill-provi kollha migbura, jidher bic-car illi OMISSIS A kien il-mohh wara dan ir-reat. Il-Qorti qieset id-diskrezzjoni moghtija mill-ligi ghall-parametri tal-piena ghar-reati dedotti kontra l-imputati, u ma tarax kif tista' taghmel oltre milli taghti piena karcerarja. Dan qed jinghad ghaliex il-manjiera 'callous' li biha twettaq dan l-istupru fuq tfajla ta' erbatax-il sena, semplicement ghax wiehed mill-imputati ddecieda illi jaghmel imhatra illi se jkollu kongungiment karnali maghha sal-gheluq il-gurnata, waqt li zewg minn shabu bla ras jagevolawh u jghinuh biex jaghmilha possibli, jhalli lis-socjeta' mhassba serjament dwar il-generazzjoni govenili u jikkreja sens ta' nsigurta' ghall-familji kollha ta' din l-isola.

Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 198, 201(b), 203(1), 206, 31, 37, 42, 43, 45, 46 u 47 tal-Kap 9, tikkundanna lil OMISSIS A ghal erba' snin prigunerija, waqt li tikkundanna lil OMISSIS B u OMISSIS C ghal sentejn prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------